MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 242/2008

**Jonathan Fiteni**

**vs**

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Ltd.**
**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li talab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ elf, sitt mija u tmienja u tletin Euro u zewg centezmi (€1,638.02) rapprezentanti din is-somma, arretrati ta’ paga u *overtime* dovuti ghax-xhur ta’ Frar, 2007 u x-xhur ta’ qabel.

Bl-ispejjes u l-imghax.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li ecceppiet *in linea* preliminari, il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li kien jahdem mas-socjeta' konvenuta. Ighid li kien qed jirranga d-dar tieghu u kellu bzonn xi hgieg u *aluminium* u kien hadhom minghand is-socjeta' konvenuta. Irrizulta li l-hgieg kien qasir ghal dak li kellu bzonn, u peress li kellu t-*trailer* li kien tas-socjeta' konvenuta hdejn id-dar tieghu, kien pogga il-hgieg u l-*aluminium* hemmhekk u kienu ghadhom ghand is-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta kienet qaltlu li jekk xtaq seta' jirritorna lura l-oggetti, izda meta poggihom fit-*trailer*, *per konsegwenza*, bdiet tnaqqaslu l-*leave*, s-*sick leave*, l-*overtime* u l-paga sal-ammont li kien ha f'hgieg u *aluminium*. Kien ghalhekk li tah n-*notice*.

It-trakk u l-oggetti baqghu ghand is-socjeta' konvenuta.

L-ammont li kien bhala materjal kien jammonta ghal elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37).

Minnhom is-socjeta' konvenuta kellha f'idejha l-ammont ta' seba' mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm703.20), u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tmienja u tletin Euro u zewg centezmi(€1,638.02).

Mid-dokumenti li esebixxa, jirrizulta li kien hallas *circa* erba' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u erba' centezmi (Lm474.04), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erba' Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,104.22). Imbaghad kien hemm wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm61.43), u cioe' ekwivalenti ghal mija, tlieta u erbghin Euro u disa' centezmi (€143.09), bhala *overtime* ghal Frar, 2007. Inoltre, ddikjara wkoll li kien hemm mija u sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm167.73), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disghin Euro u wiehed u sebghin centezmi (€390.71), bhala flus mill-*leave* , *notice* ecc.

Ra x-xhieda ta' Attilio Briffa, li jispjega li meta kienu akkwistaw il-post minn fejn kienu ser imexxu n-negozju taghhom ta' xkaffar, kien hemm diversi accessorji konsistenti f'*aluminium*, hgieg, *garage doors*, li xtaq jehles minnhom.

B'kollox ix-xhud jikkonferma li dawn kellhom valur totali ta' bejn sitt elef liri Maltin (Lm6,000) u sebat elef liri Maltin (Lm7,000), u cioe' ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€13,976.24) u sittax-il elf, tlett mija u hames Euro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61).

Peress illi l-attur kellu *farmhouse*, kien saqsih jekk kienx interessat jixtri dawn l-oggetti, u wara li hasibha kien accetta u kien talbu biex jassistih biex igorr dawn l-oggetti fir-residenza tieghu. Kienu ftehmu fuq il-prezz ta' elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Ftehmu wkoll li ma' dawn kellhom izidu l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125), u cioe' ekwivalfenti ghal mitejn u wiehed u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€291.17), u dan ghal *concrete mixer* li kien xtara u li kien ser jaghmel uzu minnu l-attur.

Dwar il-pagamenti, kien ftehmu li l-attur jew ihallas bin-nifs jew jinqatghu mill-paga. Ma kienx hemm zmien determinat meta kellhom isiru l-pagamenti.

Jikkonferma li kien sab dawn l-oggetti kollha li l-attur kien xtara gewwa *trailer* li kellhom, u li kien jinstab ghand l-Attrans. Dan kien madwar disa' (9) xhur jew sena wara li l-attur kien xtrahom. Ma kienx infurmahom dwar dan u meta tpoggew dawn l-oggetti, l-attur ma kienx ghadu mpjegat mas-socjeta' konvenuta.

Jispjega wkoll li l-attur lanqas ma kellu kopja tac-cavetta.

Ighid li lanqas ma kien jaf bl-iskrittura, u forsi din saret bejn l-attur u xi impjegata fuq insistenza tal-attur. Seta' kien hemm ftehim, ighid ukoll li kellhom jaqtghu xi pagamenti mill-paga tal-attur.

Wara sara jaf minghand l-attur li ma kienx dispost li jkompli jaghmel l-pagamenti aktar. Kien fetah kawza u sussegwentement kien cediha u dan peress li jivvjagga hafna u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jahli l-hin hawn Malta.

Jikkonferma wkoll illi ma kienx hass li kellu bzonn jaghmel ftehim u dan ghaliex l-attur kien impjegat tieghu u ghalhekk kien hemm irgulija ghaliex ma kellux ilmenti fuqu.

Jichad li l-attur kien qallu li peress li l-oggetti ma kienux jaqblu ma ridhomx aktar. Minn meta ha l-oggetti sakemm telaq mill-impjieg, kienu ghaddew xi tlett (3) xhur.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma hemmx aktar htiega ghat-Tribunal biex jagmel il-konsiderazzjonijiet tieghu f'dan is-sens.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-attur qed jaghmel talba ghall-hlas ta' paga u *overtime* minghand is-socjeta' konvenuta, li jallega tnaqqsietlu meta kien pogga l-oggetti tal-hgieg u *aluminium* fil-*trailer*.

Hemm verzjonijiet kontrastanti da parti tal-attur u s-socjeta' konvenuta f'dan is-sens, ghaliex l-attur jinsisti li kien informa lis-socjeta' li kien ser ipoggi l-oggetti gewwa t-*trailer* ghaliex ma kienux tajbin ghal uzu li xtaq, filwaqt li s-socjeta' tghid li ma kienitx taf li l-attur kien pogga dawn l-oggetti fit-*trailer* u saret taf b'kumbinazzjoni.

Jirrizulta li l-attur kien accetta li jixtri dawn l-oggetti ghall-prezz ta' elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe' ekwivalenti ghal

elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u effettivament esebixxa prospett tal-pagamenti li kien ghamel.

Madanakollu s-Sur Briffa, li xehed in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta, jinnega li kien jaf dwar dan il-prospett, pero’ ma eskludix li saret minn xi impjegata tieghu.

Ghandu jigi sottolinejat ukoll li l-attur kien accetta li jixtri dawn l-oggetti u telaq minn dan l-impjieg *circa* tlett (3) xhur wara. Pero’ s-socjeta’ konvenuta tissottometti li kienet sabet dawn l-oggetti gewwa *trailer*, xi disa’(9) xhur minn meta kien telaq il-konvenut.

Huwa nkoncepibbli ghal dan it-Tribunal, kif l-attur minn naha jghid li ma riedx l-oggetti u fl-istess waqt kien baqa’ jaghmel il-pagamenti, u f’certu hin waqqaf il-pagamenti ghaliex ma riedhomx aktar.

Il-bejgh bejn il-partijiet kien gie attwat. Il-prezz ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tleitn centezmi (€2,329.37), qatt ma gie kkontestat.

Il-modalitijiet ta’ pagament ikkrejaw l-aktar problemi, u dan minhabba li ma kienx hemm restrizzjonijiet jew termini ghall-pagament, ghaliex kien hemm relazzjoni ta’ irgulija bejn il-partijiet u dan minhabba li l-istess attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta.

Kien hemm diversi pagamenti, izda apparti l-fatt li l-attur ittermina l-impjieg tieghu, waqqfu l-pagamenti u s-socjeta’ konvenuta bdiet tigri warajh.

L-attur qajjem punt interessanti, fis-sens li l-oggetti llum jinstabu ghand is-socjeta’ u ghaldaqstant ghandu jithallas lura tal-*overtime* li tnehhietlu.

Huwa minnu pero’ ukoll, li s-socjeta’ konvenuta ma kienitx taf dwar dawn l-oggetti u saret taf wara xi zmien li dawn kienu ilhom fit-*trailer*. Madanakollu, kienet naqset dak li

kien dovut lilha mill-paga tal-attur u dan meta ma kienitx konsapevoli ta’ x’kien gara minn dawn l-oggetti.

Is-socjeta’ konvenuta baqghet taghmel dawn in-nuqqasijiet sakemm saret taf li l-attur ma kienx ser izomm dawn l-oggetti u sabithom fit-*trailer* taghha li jkun ghand l-Attrans.

Is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex tort jekk baqghet tiehu dak li kien haqqa, meta hi dejjem kienet taht l-impressjoni li l-attur kien ser izomm l-oggetti. La darba ma kienitx konsapevoli li l-attur ma riedx il-hgieg u l-*aluminium*, lanqas ghandha tort sa barra biex ghamlet dak li ghamlet. Pero’ jibqa’ l-fatt li b’hekk is-socjeta’ konvenuta tkun qed taghmel arrikiment in debitu u dan peress li tnaqqas parti mid-debitu a favur tas-socjeta’ konvenuta u fl-istess waqt zammet l-oggetti in kwistjoni, mertu tal-vertenza odjerna.

L-attur ta indikazzjoni tal-mod kif wasal ghall-kalkolazzjonijiet tieghu u s-socjeta’ konvenuta ma eskludietx il-fatt li seta’ kien hemm xi ftehim ma’ xi impjegat tas-socjeta’ li kien izomm *records* tal-pagamenti. Ma saret l-ebda kontestazzjoni fuq l-ammonti pretizi, izda anzi kien hemm konferma li s-socjeta’ konvenuta kienet hadet dawn l-oggetti u zammithom.

Ghalhekk, jekk dan it-Tribunal kellu jichad il-pretenzjoni tal-attur, tkun qed taghti lis-socjeta’ konvenuta l-opportunita’ li tarikixxi ruhha a skapitu tal-attur, li madanakollu, fl-ebda hin ma agixxa b’irgulija, ghaliex minflok waqqa’ l-bejgh, waddab kollox go *trailer* u dan zgur ma kienx atteggjament plawsibbli.

Izda, sabiex issir ekwita’ u gustizzja bejn il-partijiet, dan it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li s-socjeta’ konvenuta hadet lura dak li originarjament kienet bieghet, u jekk il-bejgh ma kienx sehh, ma jistax l-attur jig negat dak li kien hallas ta’ oggetti li ghazel li ma riedx u li ma kienx ser jutilizza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal tilqa’ l-pretenzjoni tal-attur, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------